MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 864/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sharon Tanti)**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Michael Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 864/2008**

**Illum 11 ta' Ottubru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Galea, ta' 45 sena, iben Nazzareno u Victoria nee' Mc Keown, imwieled Londra l-Ingilterra nhar is-6 ta' Novembru, 1963 u residenti fil-fond 188 St Frances, Triq il-Karmnu,

Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 387985M.

Akkuzat talli fit-13 ta' Settembru, 2008, ghall-habta ta' nofsinhar neqsin kwart gewwa Triq Nazju Ellul Gzira;

1 Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' vettura numru FAW 161 tal-ghamla Mazda ghad-dannu ta' David Camilleri u/jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

2 Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe fuq zewg vetturi bin-numru tar-registrazzjoni GVP 513 u GVP 444, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema hsara teccedi l-mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) pero' hija inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3 Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hajt ta' residenza privata ghad-dannu ta' Margaret Scerri, liema hsara teccedi elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

4 Akkuzat ukoll fl-istess data, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

5 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ittanta li jikkometti ferita fuq diversi ufficjali tal-Pulizija;

6 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Clarissa Scerri, Michelle Scerri u Christine Pace, u b' mod li kien jaf, jew li kien imissu ikun jaf li b' eghmilu kien ta' fastidju lill-istess persuni msemmija;

7 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Clarissa Scerri, Michelle Scerri, Christine Pace u diversi ufficjali tal-Pulizija biza’ li ser issir vjolenza fuq persunithom jew il-proprjeta’ taghhom;

8 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Clarissa Scerri, Michelle Scerri u Christine Pace bil-kliem;

9 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru AAG 841 tal-ghamla Hyundai Accent fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f’ kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, u aktar tali gewwa l-kwartieri Generali tal-Pulizija naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi;

10 U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru AAG 841 tal-ghamla Hyundai Accent b’ mod traskurat, negligenti u perikoluz;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi guidikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:
a) 18 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 18 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 41(1)(a)(b), 214, 215, 216, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) 18 u 251(A)(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) 18 u 251(1)(B)(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h) 18 u 339(1)(b)(d)(e)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
i) 18, 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
j) l-artikoli u t-tieni skeda u l-artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
k) 15(1)(a)(2), 54, 55, 57, 127 ta’l-Avviz Legali 129/1994 mahrug taht l-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

l) 15(A), (B), (C), (D)(d), (E), (F), (G), (H), (I) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
m) 382(A), 383, 384, 385, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
n) 17, 30, 31, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghall proceduri odjerni jirrizultaw ampjament mill-provi prodotti. Nhar it-13 ta’ Settembru 2008 ghal habta tal-hdax u nofs ta’ fil-ghodu kien hemm telefonata bejn l-imputat u certu Clarissa Scerri. Wara din it-telefonata, li ma spiccatx fuq ton tajjeb, l-imputat deherlu li kellu jmur ikellem lil Scerri personalment ghalhekk mar fid-dar fejn toqghod (fir-realta id-dar ta’ ommha Margaret Scerri), habbat jew cempel il-qampiena, pero propju minhabba il-mod kif kienet spiccat il-konverzazzjoni precedenti bejniethom Scerri ma fethitx; peress li l-imputat baqa jhabbat u bdiet tibza’ cemplet lill-pulizija biex jigu jassisutha. Kemm l-imputat kif ukoll Scerri huma kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija; huma kellhom relazzjoni bejnithom u jidher li l-imputat ma setghax jaccetta il-fatt li din ir-relazzjoni kienet spiccat. Scerri fil-fatt tghid li l-imputat kien ilhu jdejjaqha permezz ta’ telefonati.

Illi fuq il-post marru pulizija mill-ghasses ta’ Sliema u l-Msida. Tnejn mill-vetturi tal-pulizija thallew fit-triq bi dritt karozza propjeta ta’ certu David Camilleri li kienet ipparkjata ezatti hdejn id-dar ta’ Scerri.

Illi sa kemm waslu l-pulizija fuq il-post l-imputat kien lahaq telaq, huma pero baqghu ftit fuq il-post anke wara li Scerri kienet qaltilhom x’kien gara u dahlet lura f’darha. L-imputat sadattant dar mal-blokk u dahal f’hanut, li

minghalih kien ta' hu Scerri imma fil-fatt kien ta' wahda Christine Pace, qal xi diskors u telaq 'l hemm; Pace hadet l-impressjoni li l-imputat kien xurban. Ftit minuti wara rega' dahal fit-triq fejn toqghod Scerri (hi toqghod fi Triq Nazju Ellul Gzira fit-*T junction* ezatti quddiem Triq Mattew Pulis), saq fit-Triq Nazzju Ellul, dar ghal go Triq Mattew Pulis, waqqaf, u immedjatament irriversja tul Triq Mattew Pulis. Baqa hiereg dritt fi Triq Nazzju Ellul, qasam din it-triq, ghadda minn bejn iz-zewg vetturi tal-pulizija li kien hemm double parked u baqa diehel fil-karozza ta' Camilleri li kienet ipparkjata biswiet id-dar ta' Scerri. B'l-impatt din il-karozza telghat fuq il-bankina u habtet mal-parapett tad-dar ta' Scerri u ikkawzat hsara fic-cint. Peress li bejn iz-zewg vetturi tal-pulizija ma kienx hemm spazju bizzejjed meta l-imputat saq bejniethom ikkawza hsara f'dawn iz-zewg vetturi ukoll.

Illi ta' min jghid li dak il-hin kien hemm pulizija kemm fuq il-bankina kif ukoll taht il-bankina bejn iz-zewg vetturi; meta raw il-vettura ta'l-imputat gejja fid-direzzjoni taghhom b'certa velocita kellhom jitilqu jigru biex ma jweggawx. Ftit tal-hin wara waslet l-Ispettur Micallef fuq il-post; hi ordnat li l-imputat jittiehed id-depot u li hemm isirlu t-test ta'nifs minhabba li meta kellmietu xammet riha ta' xorb; hu pero rrifjutha li jaghmel dan it-test.

Illi ghandu jinghad li hemm kunflitt fil-verzjonijiet mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha l-ohra. Pero ghandu jinghad ukoll li l-imputat mhux biss ta verzjonijiet differenti dwar l-istess fatti, imma anke qal affarijiet li fihom infishom jiskreditawh. Per ezempju f'l-istqarrijiet tieghu l-imputat qal li kien fuq il-bejt jaghmel ir-roof compound, niezel il-garaxx, xorob flixkun inbid u mar dawra bil-karozza. B'kumbinazzjoni ghadda mit-triq ta' Scerri, ra l-kollegi tieghu hemm, irriversja (ghaliex kien lahaq dahal fi Triq Mattew Pulis meta ra lill-pulizija) pero ma rabatx il-hand break u ghalhekk sehh l-impatt. Hu innega li qabel dan l-incident habbat jew cempel ghand Scerri.

Illi meta xehed quddiem din il-Qorti l-imputat qal li kien fil-garaxx jahsel il-karozza u mieghu kien hemm il-mara

tieghu meta cemplitlu Scerri. Meta telqet il-mara, hu mar ghand Scerri u din ma fethitlux, mar fil-hanut ta’ huha (huwa fil-fatt mar fil-hanut ta’ Christine Pace), rega’ saq ghal Triq Nazju Ellul ra l-kollegi tieghu hdejn id-dar ta’ Scerri u baqa diehel fi Triq Mattew Pulis meta xi hin iddecieda li jmur lura. Irriversja pero meta wasal hdejhom harablu l-clutch u sehh l-impatt.

Illi f’l-istqarrijiet tieghu l-imputat, biex jiggustifika il-prezenza tieghu b’kumbinazzjoni fit-triq fejn toqghod Scerri, qal li huwa dawk l-inhawi jafhom sew ghaliex huwa joqghod fil-By-Pass ta’ Birkirkara u jghaddi minn hemm biex jevita t-traffiku li jkun hemm hdejn ir-roundabout tat-tank tal-gass. Ta’ min wiehed jirrileva li bhala pulizija huwa kien stazzjonat l-ghassa ta’ Sliema u ta’ spiss kien “imissu l-Gzira” (cioe jahdem f’l-ghassa tal-Gzira). In kontro ezami pero u mistoqsi ghalfejn irriversja tul Triq Mattew Pulis biex imur hdejn il-kollegi tieghu meta facilment seta’ jdur mal-blokk huwa qal li l-inhawi ma jafhomx u li ma jafx kienx hemm xi toroq one way li setghu jimpeduh milli jdur mal-blokk.

Illi waqt id-depozizzjoni tieghu l-imputat prova jaghti kredibbilita lill-verzjoni tieghu li hu kien qed isuq bil-prudenza kollha u li l-impatt sehh bhala rizultat ta’ incident. Huwa rrakkonta li rriversja, waqqaf, slippjalu l-clutch u baqa diehel fil-Mazda ta’ Camilleri u minhabba l-mod kif kienu pparkjat l-vetturi tal-pulizija ghadda kexxun bejniethom u baraxhom kemm kemm, zewg girfiet kollox. Fil-waqt li huwa minnu li l-vetturi tal-pulizija ma tantx ghandhom hsara, l-imputat naqas jghid li bil-forza ta’l-impatt mhux biss imbotta l-Mazda ghal fuq il-bankina biex spiccat tistrih mal-parapett tad-dar ta’ Scerri b’mod li anke l-parapett garrab hsara, imma bil-hsara li garrbet din il-vettura (hsarat li jidhru mir-ritratti esebieti) spiccat deskritta mis-surveyor bhala “beyond economical repair”.

Illi in vista tas-suepost u tenut kont tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li ma tistax taghti kredibilita lill-imputat u li l-fatti graw kif irrakkonati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma diversi. L-ewwel imputazzjonijiet huma dawk ta' hsara volontarja fil-vettura propjeta ta' David Camilleri, fiz-zewg vetturi tal-pulizija, u fil-parapett ta' Margaret Scerri u attentat ta' griehi gravi fuq il-persuna ta'l-ufficjali tal-pulizija prezenti fuq il-post ta'l-incident.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampajment li meta l-imputat mar lura hdejn ir-residenza ta' Clarissa Scerri s-sitt kollegi tieghu (PS 513 Anthony Gerada, PC485 Edwin Azzopardi, SM907 Ray Zammit, PS1575 Robert Fava, PC1583 Steve Spiteri u PC333 Vince Calleja) diga kienu fuq il-post. Li dawn kienu vizibbli anke ghall-imputat lanqas hemm dubbju tant li l-imputat qal li hu ra xi tnax, hmistax jew ghoxrin pulizija. Minkejja li huwa raw dawn il-pulizija kollha hdejn id-dar ta' Scerri rriversja dritt ghal fejn kienu qeghdin dawn il-pulizija u l-vetturi taghhom b'velocita tali li b'l-impatt giet ikkawzat l-hsara fuq deskritta.

Illi m'hemmx dubbju u huwa fatt risaput li meta persuna ssuq vettura b'velocita fid-direzzjoni ta' persuna, jew oggett, li jkun wieqaf l-konsegwenza prevedibbli ta' dan l-agir hija li dik il-persuna ser tintlaqat u li ser tkorri b'mod gravi u li dak l-oggett ser jintlaqghat ukoll u li ser igarrab xi danni. Fil-fatt it-tlett vetturi in kwistjoni: dik ta' David Camilleri u dawk tal-pulizija b' numru ta' registrazzjoni GVP-444 u GVP-513 rispettivament, kif ukoll il-parapett tad-dar ta' Scerri, garrbu hsarat rizultat ta' l-impatt mal-vettura misjuqa mill-imputat. Il-pulizija li kienu vicin il-vetturi taghhom ma soffrewx griehi ghaliex grew 'l hemm, ghalhekk kien rizultat ta' xi haga accidentali u indipendenti mill-volvonta ta' l-imputat li dawn il-pulizija ma soffrewx griehi. Ghal dawn ir-ragunjiet l-Qorti hija sodisfatta li l-hsara li garrbu il-vetturi u l-parapett imsemmija giet kawzata volontarjament mill-imputat u li l-imputat b'l-agir tieghu kien ser jikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-pulizija prezenti fil-post.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tirreferi ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9. Jirrizulta li l-hsara sofferta minn David Camilleri fil-vettura tieghu hija ta' €2,300; konsgewentement din l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini ta'l-imsmmija nota u relattiva ghal-hsara ikkawzata fil-vetturi tal-pulizija ukoll tirreferi ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9. Jirrizulta pero li l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mill-Korp tal-Pulizija fiz-zewg vetturi in kwistjoni huwa ta' €472 ghalhekk fil-waqt li din it-tieni imputazzjoni giet pruvata, tirrzulta in kwantu tirreferi ghar-reat minuri kontemplat f'l-artikolu 325(1)(b) kompriz u involut fir-reat kontemplat f'l-artikolu kwotat mill-Avukat Generali 325(1)(a) tal-Kapitolu 9.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u relattiva ghal hsara ikkawzata fil-parapett ta' Margaret Scerri, tirreferi ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9. Jirrizulta mill-provi prodotti li l-hsara sofferta minn Scerri tammonta ghal €1,800 u cioe ammont li jeccedi dak kontemplat f'l-artikolu 325(1)(b) u li jaqa taht il-parametri ta'l-artikolu 325(1)(a). Minkejja dan il-Qorti hija marbuta tiddikjara dwar il-htija o meno ta' l-imputat ai termini ta'l-artikoli kkwotati mill-Avukat Generali. Tenut kont ta' dan, il-Qorti, fil-waqt li tiddikjara lill-imputat hati ta' hsara volontarja fuq il-propjeta ta' Margaret Scerri, hija kostretta tiddikjara lill-imputat hati ai termini ta'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 u mhux ta'l-artikolu 325(1)(a).

Illi l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hija dik ta' tentattiv ta' griehi gravi volontarji fuq il-persuna ta' diversi ufficjali tal-pulizija u li tinkwadra ruhha f'l-artikoli 41(1)(a)(b), 214, 215, 216, 217, u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghar-ragunijiet hawn fuq espressi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kellu jkun jaf li b'l-agir tieghu seta' jikkawza griehi

gravissimi fuq il-persuna tal-pulizija li kienu fuq il-post ta'l-incident u li dan ma sehhx minhabba l-agir tempestiv ta' dawk il-pulizija, konsegwentement din il-hames imputazzjoni tirrzulta, b'dan li ma jirrizultax li fit-twettieq ta' dan ir-reat l-imputat uza arma regulari, strument li jaqta' jew iniggez, jew sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv ghalhekk l-aggravju kontemplat f'l-artikolu 217 ma giex pruvat.

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li kkommetta reat li bhala ufficjal pubbliku kellu jissorvelja li ma jsirx; reat kontemplat f'l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9. Huwa sodisfacjentement pruvat li l-imputat huwa u kien kuntistabbli mal-Pulizija fil-gurnata ta'l-incident ghalhekk, in vista tal-fatt li l-imputat qed jnstab hati ta' numru ta' reati, din ir-raba imputazzjoni hija pruvata ukoll.

Illi b'referenza ghall-paragrafi "f", "g", "j", "k", "l" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Mill-ezami tac-citazzjoni li permezz taghha inbdew il-proceduri kontra l-imputat u s-sekwenza ta'l-imputazzjonijiet hemm elenkati, jidher li b'l-imsemmija paragrafi tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju l-Avukat Generali qed jaghmel referenza ghas-sitt, is-sebgha, id-disgha u l-ghaxar imputazzjoni elenkati fic-citazzjoni.

Illi kif diga osservat aktar il-fuq il-Qorti hija marbuta b'l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali u ghandha tiddikjara lill-imputat hati jew mhux hati tar-reati li jirrizultaw mill-artikoli kwotati. B'referenza ghal dawn l-artikoli l-Qorti tirrileva:

- (b'referenza ghall-paragrafu "f"): l-artikoli 251(A) u 251(C) fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistux stante li l-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 m'ghandu l-ebda subparagrafi b'dawn l-ittri.
- (b'referenza ghall-paragrafu "g"): l-artikoli 251(1)(B) u 251(1)(C) fil-Kapitolu 9 ma jezistux stante li s-subartikolu 1, ta'l-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 m'ghandu l-ebda subparagrafi b'dawn l-ittri.
- (b'referenza ghall-paragrafu "j"): l-indikazzjoni ta' *l-artikoli u t-tieni skeda tal-Kapitolu 65* hija vaga wisq u ma

tissodifax il-vot tal-Ligi fejn din tirrikjedi li l-imputat ikun jaf b'liema reati qed jigi akkuzat. In oltre l-artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65 ma jistabilixxu l-ebda reat.

- (b'referenza ghall-paragrafu "k"): l-Avviz Legali 129/1994 mhux mahrug taht il-Kapitolu 65 imma huwa mahrug taht il-Kapitolu 37 u cioe l-Ordinanza tad-Dwana u jipprovdi dwar il-Projbizzjoni ta'l-Importazzjoni ta' Fibri ta'l-Asbestosi.
- (b'referenza ghall-paragrafu "l"): l-artikoli 15(A)(B)(C)(Db)(E)(F)(G)(H)(I) fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistux stante li l-artikolu 15 ta' dan il-Kapitolu m'ghandu l-ebda subparagrafi indikati b'dawn l-ittri imma ghandu biss erbgha subartikoli indikati bin-numri wiehed sa erbgha.

Illi ghalhekk il-Qorti, minkejja dak li jista' jirrizulta mill-provi, m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet.

Illi z-zewg imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat huma dawk li jirrizultaw mill-paragrafi "h" u "i" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali. Dawn jirreferu ghal ghadd ta' kontravvenzjonijiet b'referenza ghall-agir ta' l-imputat f'dan l-incident.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li mid-depozizzjoni ta' l-ahwa Scerri (Clarissa u Michelle) jirrizulta li l-imputat qal kliem oxxenn kif ukoll xi kliem ta' theddied fil-konfront ta' huhom Andre Scerri. Mill-assjem tal-provi m'hemm l-ebda dubbju in oltre li l-imputat kien fis-sakra; li m'obdiex ordnijiet legittimi tal-Pulizija meta qalulu biex jieqaf meta kien qed isuq fid-direzzjoni taghhom u meta rrifjuta li jaghti c-cwievet tal-karrozza tieghu lil SM907 Raymond Zammit; u li b'l-agir tieghu kiser il-buon ordni u paci pubblika. Konsegwentement mir-reati kwotati fil-paragrafi "h" u "i" tan-nota ta' l-Avukat Generali jirrizultaw dawk kontmeplati fl-artikolu 338(bb)(dd)(ee)(ff), u f'l-artikoli 339(1)(e) imma ma irrizultawx ir-reati kontemplati f'l-artikoli l-ohra kwotati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li

taghhom qed jinstab hati l-imputat inkluz l-aggravju li dawn ir-reati gew kommessi minn pulizija. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta, il-fatt li David Camilleri diga thallas ghad-danni minnu sofferti, u l-problema li l-imputat ghandu b'l-abbuz ta' l-alokol.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li minkejja li l-imputat ilu f'kuntatt ma'l-agenzija Sedqa mis-sena 2006 (dan wara li kellu xi problemi ta' dixxiplina interna fuq ix-xoghol), ma jidhirx, almenu sa ftit xhur ilu, li kien qed jiehu l-programm bis-serjeta necessarja. Jirrizulta li, minkejja li kien qed jattendi ghal sessjonijiet ma'l-agenzija anke fil-perjodu meta sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat kien izomm inbid fid-dar jew fil-garaxx b'mod li kien qed jaghmilha aktar facli ghalih inniffsu biex ikompli jixrob. Meta, wara li bdew il-proceduri odjerni, dahal f'programm residenzjali, tkecca wara xi xhur minhabba l-imgieba tieghu; wara ftit pero rega' dahal u issa l-atteggjament tieghu jidher li ha xejra ghall-ahjar.

Illi l-Qorti, in vista tal-fedina penali netta tieghu, hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jispicca l-programm li beda ghaliex dan ikun mhux biss ta' benefficju ghalih biss imma ghas-socjeta in generali ukoll. Pero l-Qorti trid tassigura ruhha li l-imputat verament jirriabilita ruhu u li jaghmel dak kollu li hemm bzonn anke wara li johrog mill-programm biex ma jergax jaqa fil-vizzju tax-xorb. Il-Qorti min-naha l-ohra trid tassigura ruhha ukoll li l-imputat jifhem li din mhiex sempliciment soluzzjoni biex huwa jevita piena karcerarja imma li huwa jrid jaghmel il-parti tieghu u li fin-nuqqas ser ikun hemm konsegwenzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 141, 214, 215, 216, 218, 325(1)(a)(b), 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issb lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi "a", "b", "c", "d", "e", "h" u "i" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali b'dan li in kwantu ghall-paragrafu "b" qed jinstab hati tar-reat minuri indikat f'l-artikolu 325(1)(b), in kwantu ghall-paragrafu "e" mhux qed issibu hati ta'l-aggravju kontemplat f'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 mill-

liema aggravju qed jigi liberat, u in kwantu ghall-paragrafu "h" qed jinstab hati biss tar-reat kontemplat f'l-artikolu 339(1)(e) u tar-reati li taghom qed jinstab hati tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas is-somma ta' €472 lill-Kummissarju tal-Pulizija u s-somma ta' €1,800 lil Margaret Scerri; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G ta'l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jkompli sa tmienu l-programm li diga beda u li joqghod ghad-direttivi kollha li jinghata mill-Ufficjal tal-Probation dwar il-kura u trattament necessarji anke wara li jispicca l-programm residenzjali.

Il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------